MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 974/2011

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Gaetano Tabone (ID: 1030946M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Gaetano Tabone**

**Vs**

1. **Philip Abela (ID: 303466M)**
2. **Anthony M. Dowling (ID: 227849M)**
3. **Michaiel Haitham (ID: 148996M)**
4. **Marion Lebrun (ID: 466477M)**
5. **Paul Mifsud (ID: 48288M)**
6. **Steve Mupimhidzi Priviledge (ID: 123804L)**
7. **Suzanne Norstad Hebish (ID: 52213A)**
8. **Petar Markov Petrov (ID: 39982A)**
9. **Anthony Joseph Portelli (ID: 82674M)**
10. **Vitalijs Sajenko (ID: 54180A)**
11. **Giorgina Scicluna (ID: 929550M)**
12. **Clint Sultana (ID: 63983M)**
13. **Radostin Todorow Tsanov (ID: 40674A)**
14. **Margaret Jo Zarb (ID: 128691M)**

**in solidum bejniethom**
**u b'digriet datat 15 ta' Dicembru, 2011 gie kjamat in kawza Lawrence Agius**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-16 ta' Novembru, 2011** u li permezz taghha huma talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' elfejn erba' mija u sittin euro u wiehed u hamsin centezmu ta' euro [€2,460.51] u dan wara li ppremettew hekk:

"L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti, in solidum u bejniethom, ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, erba' mija u sittin euro u wiehed u hamsin euro centezmi (€2,460.51) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident illi sehh fl-20 ta' April 2010 fi triq Gulju c-Centurjun, Bugibba, San Pawl il-Bahar, u f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CLI 777 proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta assikurattrici attrici u misjuqa minn Clinton Tabone, il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBP-056 proprjeta ta' Torki Al Solaiman, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAB-612 proprjeta ta' Matthew Calleja; u liema incident sehh unikament tort tal-konvenuti bhala r-residenti tal-blokka ta' l-appartamenti "Liliana Apartments – Block B" fit-triq imsemmija wara illi dawn hallew zejt (jew sustanza simili) jiskula mill-blokka ta' l-appartamenti bl-isem "Liliana Apartments" Block B fit-triq in kwistjoni ghal fuq wicc l-istess triq tant illi din saret tizloq bi periklu ghas-sewwieqa, u dan unikament bi traskuragni, imperizja u nuqqas illi jzommu proprjeta taghhom, jew fil-pussess taghhom, fi stat ta' manutenzjoni xierqa.

L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u hamsin euro (€55.00) mhallsa bhala "excess" mill-assikurat tas-socjeta attrici.

Interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra legali datata 18 ta' Awwissu 2011 (Dok. GMI.1) il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Awwissu 2011 u bl-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorjuipprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz kontra l-konvenuti, in solidum u bejniethom, liema konvenuti huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-kjamat fil-kawza Lawrence Agius** mressqa fl-14 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha huwa ecceppixxa hekk:

"Illi jinkombi fuq ir-rikorrenti jipprovaw kif l-intimat kjamat in kawza huwa responsabbli ta' l-incident in kwistjoni;

Illi dak iz-zmien ta' l-incident l-intimat kjamat in kawza kien jikri apartament fil-korp ta' apartamenti in kwistjoni, ossia "Liliana Apartments", Blokk B, izda qatt ma kien jiggestixxi jew jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-*lift* in kwistjoni;

Illi l-intimat kjamat in kawza ma hu hati ta' l-ebda negligenza, traskuragni jew imperizja stante li ma kellu l-ebda inkarigu jew responsabilta ta' kwalsiasi tip fil-korp ta' apartamenti in kwistjoni, ossia "Liliana Apartments", Blokk B;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u minghajr ebda ammissjoni u/jew accettazzjoni ta' responsabilta ta' kwalsiasi tip, l-intimat qatt ma gie debitament interpellat biex jersaq ghal hlas ta' danni, u ghalhekk zgur mhux responsabbli ta' spejjes legali;

Bl-ispejjes kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni".

Ra l-verbal datat 15 ta' Dicembru, 2011 fejn Dr. Michael Zammit Maempel ghar-rikorrenti pprezenta u qara nota ta' cessjoni fil-konfront ta' Anthony Portelli (intimat numru 9).

Fl-istess verbal tal-15 ta' Dicembru, 2011 gie kjamat fil-kawza Lawrence Agius.

Ra n-nota tar-rikorrenti pprezentata fit-28 ta' Dicembru, 2011 fejn huma cedew l-atti kollha tal-kawza fil-konfront ta' l-intimati l-ohra kollha salv ghall-kjamat in kawza Lawrence Agius.

Ra l-verbal tat-18 ta' Gunju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' danni kkagunati minn skular ta' zejt (jew sustanza simili) minn gol-blokk ta' apartamenti. Dan l-iskular ikkawza tamponament ta' diversi vetturi.

Il-Warden 535 Grace Borg xehdet fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012. Hija kienet il-warden li nvestigat il-kaz li sehh fi Triq Gulju c-Centurjun, gewwa San Pawl il-Bahar nhar l-20 ta' April, 2010. Hija tghid li meta acceddiet fil-lok fejn sehh l-incident diga kien hemm il-pulizija u l-membri tal-protezzjoni civili. Ziedet tghid li kien hemm hafna zejt ma' l-art u l-membri tal-protezzjoni civili kienu qeghdin ifferxu r-ramel ma l-art u cioe fit-triq. Mill-investigazzjonijiet taghha irrizulta li kien hareg xi zejt mill-*lift* li kien hemm fil-blokk ta' appartamenti bl-isem Liliana Block B. Dan iz-zejt hareg minn go katusa li taghti minn taht il-bankina ghal got-triq. In kontro-ezami tghid li "*iz-zejt fil-fatt ftit stajt ma tarahx ghaliex hemm roqgha kbira hafna fit-triq*". B'referenza ghal dak li xehdet fuq il-*lift*, hija tghid li hi ma nvestigatx dan il-fatt, pero kienu qalulha l-pulizija.

Is-Surgent 419 Anton Buttigieg xehed fl-istess seduta u qal li kien dahal rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra li fi Triq Gulju c-Centurjun gewwa Bugibba kien hemm hafna zejt. Huwa mar fuq il-post u hemm seta jikkonferma li kien hiereg iz-zejt (minn go katusa li kienet tinsab taht il-bankina) fit-triq mill-fond Liliana Apartments Blokk B. Dwar dan, is-Surgent Buttigieg ighid li huwa

kellem lill-bniedem responsabbli mill-*lift* u cioe lil Lawrence Agius li "*ammetta mieghi li dan kien il-lift li kien taht ir-responsabilita tieghu*" (fol. 56). Fil-fatt, ighid li dan Lawrence Agius "*... nfurmani li kien inkiser is-seal tal-pompa tal-imsemmi lift u minhabba f'hekk iz-zejt tal-hydraulic kollu kien hareg fit-triq*" (fol. 56). Dan Agius, ighid is-Surgent, "*... ma semmieli lil hadd izjed, hu biss kien qieghed jassumi r-responsabilita u jiena hekk nizzilt fir-rapport tieghi. Fil-fatt kien dan l-istess Lawrence Agius li qalli x'kienu l-hsarat li gew subiti fil-lift u cioe li kienet marret is-seal tal-pompa*" (fol. 56). Is-Surgent tal-Pulizija kompla ighid li huwa nnota li kien sehh incident tat-traffiku bejn tlett vetturi li kellhom il-pjanci ta' registrazzjoni CLI-777, BAB-612 u BBP-056 rispettivament. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok. AB1. Dan iz-zejt fit-triq kien qieghed johloq periklu li s-Surgent ghalaq it-triq in kwistjoni. Ix-xhud gie muri r-ritratti esebiti fil-process u qal li "*...din hija x-xena li jiena sibt meta mort on site*" (fol. 56). Mistoqsi jghid jekk huwa ivverifikax jekk dak li kien qallu Lawrence Agius kellux mis-sewwa huwa qal li "*... jiena qadt fuq dak li qalli hu stess*" (fol. 56) u "*jiena dak li qalli nizziltu fir-rapport, li kieku qalli xi haga simili bhal dak li qieghed jigi suggerit lili jiena ovvjament kont innizlu wkoll*" (fol. 56). Is-suggeriment li jsemmi s-Surgent tal-Pulizija kien jekk Agius kienx qallu li z-zejt hareg minhabba li kien hemm xi problema ta' overflow. F'dan ir-rigward, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u cioe li l-kjamat in kawza ma kienx qallu dan il-kliem.

Clinton Tabone, li kien qieghed isuq il-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni CLI-777 u li kien involut f'incident awtomobilistiku meta l-vettura tieghu tilfet il-kontroll hekk kif appena ghaddiet minn fuq iz-zejt li kien hemm fit-triq xehed li fl-20 ta' Frar, 2010 ghal habta tal-5.30p.m. waqt li huwa kien ghaddej minn fejn il-bar maghruf bl-isem ta' "Cherry Tree" sejjer fid-direzzjoni lejn il-Limelight Hotel gewwa Bugibba ra vettura li kienet qed tinstaq quddiemu tiskidja u tidhol go *parking space* vojt li kien hemm bejn iz-zewg vannijiet li jidhru fid-dok. GMI 10 a fol. 22 tal-process. Ikompli jghid li "*kif appena rajt hekk jiena stajt nara l-art imxarba u peress illi rrealizajt li l-art kienet*

*imxarba jiena ma ghafastx il-break u x'hin kont qed indur id-dawra l-karozza telqet minn wara u bdiet titkaxkar la genba. Jiena ppruvajt nevita li nahbat pero bqajt diehel go karozza li kien hemm ipparkjata*" (fol. 58). B'konsegwenza ta' dan it-telfien tal-kontroll fil-vettura tieghu, x-xhud ighid li huwa habat ma "*... karozza tat-tip Astra BAB-612 u bid-daqqa mbuttajt lil din l-Astra fuq Toyota Tercell bil-pjanca tar-registrazzjoni PVP 056*" (fol. 58). A fol. 31 tal-process (dok. GMI 19) hemm ritratt ta' kif spiccat il-vettura tieghu mahbuta fil-vettura tat-tip Astra. Ir-ritratti li hemm esebiti fil-process minn fol. 19 sa 35 gibidhom hu u dan peress li huwa nzerta li kellhu *camera* tar-ritratti fuqu. X'hin hareg mill-vettura tieghu, x-xhud seta jikkonstata li t-triq kienet mxarba biz-zejt u li dan iz-zejt "*... kien gej minn go drain li kien hemm taht il-bankina li kien qieghed hiereg minn go Liliana Apartments Block B*" (fol. 58). Il-katusa li ghaliha jaghmel referenza dan ix-xhud hija dik murija fid-dokument immarkat bhala dok. GMI 8 a fol. 20 tal-process. Iz-zejt li kien hiereg minn dan il-pipe infirexx matl-wisgha tat-triq kollha. Ix-xhud ighid li l-vettura misjuqa minnu hija registrata fuq missieru izda hu jsuqha u missieru kien ghamel il-*claim* relattiva mas-socjeta rikorrenti u din ta' l-ahhar "*hallset ghall-ispejjez kollha hlief ghall-access fl-ammont ta' hamsa u hamsin ewro*" (fol. 58).

Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Max Borg Bonello xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' deputy manager u li s-socjeta minnu rapprezentata qeghda titlob l-ammont ta' €2,460.51, liema ammont thallas minnhom b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident. Ix-xhud zied ighid li huma kienu cemplu lill-kjamat in kawza Lawrence Agius u kellmuh "*pero maghna qatt ma ammetta illi kien hu responsabbli ghal dan l-incident*" (fol. 60).

Fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 xehed il-kjamat in kawza li beda biex ighid li fiz-zmien meta sehh l-incident, huwa kien jghix Hal-Luqa. Jghid ukoll li huwa kellu appartament fil-Liliana Apartments Block A, Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba. Il-kjamat in kawza jghid li "*meta qed nghid jiena kelli appartament pero qed nghid hekk il-ghaliex kont ghamilt konvenju biex nixtri dan l-istess appartament*" (fol.

83). B’referenza ghall-blokk A ta’ Liliana Apartments, huwa jghid li f’din il-blokka hemm erba’ (4) appartamenti. Appartament minnhom kien jikkonsisti f’zewg sulari, imbaghad fis-sular ta’ fuq dawn iz-zewg appartamenti hemm appartament iehor li jghix persuna ohra u fl-ahhar sular hemm l-appartament li kien ser jakkwista l-istess kjamat in kawza. Sussegwentement, il-kjamat in kawza jikkoregi din ix-xhieda tieghu u jghid li l-appartament li kien sejjer jixtri kien jinsab fi Block B.

B’referenza ghall-*lift*, il-kjamat in kawza jghid li “*... meta kien ikun hemm xi hsara fil-lift tal-Block A jiena kont niehu hsieb li nirranga din il-hsara, dan peress illi meta kont kellimt liz-zewg liz-zewg inkwilini l-ohra huma kienu qaluli li ma kinux interessati li jsewwu. Peress li jiena kelli mal-mitt targa allura kien fl-interess tieghi illi naghmel dawn it-tiswijiet* ” (fol. 83). Huwa jkompli jghid li hu ma kienx l-amministratur tal-block B izda huwa kien jiehu hsieb dan il-*lift* minn jeddu peress li kellhu hafna tarag.

Meta gie mistoqsi x’ried ifisser meta huwa qal lis-Surgent Anton Buttigieg li hu kien responsabbli ghal *lift* in kwistjoni, l-kjamat in kawza jghid “*... li ridt infisser li kont lest li nhallas tal-hsarat. Hsarat fil-lift bhal per ezempju bibien u switches jew per ezempju ghax ikun waqaf jahdem*” (fol. 84).

Finalment, il-kjamat in kawza jghid li l-konvenju waqa u l-fond li kien ser jakkwista reggha mar lura ghand is-sidien. Il-kjamat in kawza in kontro-ezami jghid li huwa dam jghix f’dan il-fond ghal sitt xhur u cioe l-perjodu li dam validu l-konvenju ffirmat minnu u mis-sidien. Peress li r-residenti l-ohra ma kienux jhallsu l-ispejjes necessarji ghal *maintenance* tieghu, huwa kien jaghlaq il-*lift* u kien juzah huwa biss. Kien ghalhekk, ighid il-kjamat in kawza, li huwa qal lil pulizija “*illi jiena kont responsabbli ghal dan il-lift peress li kont qed inhallas u nuzah jien biss*” (fol. 84). L-istess kjamat in kawza jghid ukoll li “*minghand minn kont se nixtri jiena qatt ma hallsu spejjez tal-lift dement li kont qieghed nuza l-post jien. Ir-responsabilta kienet kollox f’idejja, dawl, ilma u affarijiet ohra relatati ma’ l-appartament inkluz dan il-lift*” (fol. 84). Huwa jghid ukoll li

l-*lift* kien ilu bil-hsara madwar xahrejn qabel ma sehh l-incident pero l-hsara kienet fl-electronic controls tieghu. Dan il-*lift*, jghid il-kjamat in kawza baqa ma trangax l-ghaliex l-ispiza biex tittranga din il-hsara kienet kbira.

Permezz ta’ nota datata 22 ta’ Mejju, 2012, il-kjamat in kawza esebixxa konvenju datat 25 ta’ Gunju, 2005 u li permezz tieghu, huwa kien obbliga ruhhu li jixtri u jakkwista “*... l-bejt bl-arja tieghu kollha usque ad coelum, liema bejt jinsab fis-sitt sular (fifth floor) u tifforma parti u hija accessibbli minn blokk akbar ta’ bini ... liema blokk huwa bla numru pero jismu Liliana II, fi triq Gulju c-Centurjun, Bugibba, fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar*” (fol. 88).

Ikkunsidra ulterjorment;

Permezz ta’ din il-kawza, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand il-kjamat in kawza, l-hlas ta’ danni fl-ammont ta’ €2,460.51, liema danni gew ikkawzati meta hareg zejt mill-fond maghruf bl-isem ta’ Liliana Apartments Block B, fi Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba. Minhabba dan il-hrug ta’ zejt fit-triq, sehh tamponament bejn tlett vetturi.

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi “min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti” (**Kollezz. Vol XXX pIII p142**).

B’danakollu, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija. B’mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova anke l-htija, u allura jkun dmir ta’ min ikun kagun ta’ dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda. Ara f’dan is-sens decizjoni a **Vol XXIV pI p893**.

Jirrizulta bl-aktar mod car li l-incident bejn it-tlett vetturi li sehh fl-20 ta’ April, 2010 u d-danni li sehhew minhabba dan it-tamponament huma attribwibbli ghaz-zejt ossia hydrolic fluid li kien hemm fit-Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba. Dan iz-zejt hareg minn katusa li kien hemm taht

il-bankina, liema katusa kienet tinsab ezattament taht il-bieb ta' l-appartamenti bl-isem ta' Liliana Apartments Block B.

Il-kjamat in kawza fir-risposta tieghu (tergo ta' fol. 46) jghid li huwa kien jikri apartament fil-korp ta' appartamenti bl-isem ta' Liliana Apartments, Block B, izda qatt ma kien jiggestixxi jew jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-*lift* in kwistjoni. Jzid ighid li huwa ma kellu l-ebda inkarigu jew responsabilta ta' kwalsiasi tip fil-korp ta' appartamenti in kwistjoni. Mir-risposta ta' l-istess kjamat in kawza, huwa ammess li hu kien jikri appartament fl-imsemmija blokka B. Ukoll, mid-deposizzjoni tieghu, l-kjamat in kawza ftit ihalli dubju dwar ta' minn kienet ir-responsabbilita tal-*lift* li kien jinsab fl-istess blokka. Mhux darba jew tnejn il-kjamat in kawza qal li l-*lift* kien responsabbilita tieghu. Dan stqarru a tempo vergine mas-Surgent 419 Anton Buttigieg meta qal li "*... huwa responsabbli mill-lift fejn stqarr illi ghal xi raguni jew ohra, il-pompa ta' l-imsemmi lift inkissirlu s-seal u z-zejt tal-hydrolic hareg kollu ghal got-triq*" (dok. AB 1 a fol. 74). L-istess haga ghamel fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal. Hu kien il-persuna li kienet tiehu hsieb dan il-*lift* u kien hu biss li juza l-istess *lift*, l-ghaliex ir-residenti l-ohra ma kienux johorgu sehemhom ghal *maintenance*. Sahansitra, l-istess kjamat in kawza kien jaghlaq dan il-*lift* sabiex ma juzawhx ir-residenti l-ohra. L-istess kjamat in kawza jghid li dan il-*lift* kien ilu bil-hsara madwar xahrejn qabel ma sehh l-incident u li huwa ma rrangax din il-hsara l-ghaliex kienet spiza wisq kbira ghalih. Minkejja dan kollu, t-Tribunal huwa moralment konvint li l-kjamat in kawza huwa responsabbli ghal akkadut u messu ha hsieb l-istess *lift* u ma jhalliex jigri dak li effettivament sehh. Ghalxejn jipprova jghid li huwa ma kienx l-amministratur tal-blokka jew li qatt ma ha hsieb il-manutenzjoni tal-lift, l-ghaliex kif diga rajna, huwa stess ammetta li kien jiehu hsieb il-*maintenance* tal-*lift* hu biss esklussivament. Il-kwistjoni ta' l-amministrazzjoni tal-blokka fejn kien hemm il-lift ma tidhol imkien.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kjamat in kawza in kwantu dawn huma b'xi mod inkompattibbli

ma dak hawn fuq deciz u jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-istess kjamat in kawza jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elfejn erba’ mija u sittin euro u wiehed u hamsin centezmi ta’ euro (€2,460.51) , liema somma ghandha tinqasam in kwantu ghal elfejn erba’ mija u hames euro u wiehed u hamsin centezmu ta’ euro (€2,405.51) lis-socjeta rikorrenti GasanMamo Insurance Limited u in kwantu ghar-rimanenti hamsa u hamsin euro (€55) lir-rikorrenti Gaetano Tabone bl-imghaxijiet mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez ghar-rigward ta’ l-intimati li fil-konfront taghhom gew ceduti l-atti ghandhom jithallsu mis-socjeta rikorrenti, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jithallsu esklussivament mill-istess kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------